**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

# <u>DEGRIET KAMERALI</u>

**F'l-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta'**
**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1802/2023/1DC**
**f'l-ismijiet**

***Usman Muktar***

***vs***

***Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali***

Illum, 18 ta' Ottubru 2023

## Il-Qorti

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni preżentat fid-19 ta' Settembru 2023 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi r-rikorrenti talab lil din il-Qorti żżomm lill-intimata milli:

> *tkompli bit-trasferiment lejn l-Awstrija tar-rikorrent wara li l-intimata Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali iddikjarat il-każ magħluq bħala Dublin Closure, kif ukoll milli l-istess aġenżija tgħaddi l-każ lill-Uffiċjal prinċipali tal-Immigrazzjoni, stante li skond l-Artikolu 29 (1) tar-Regolamenti (EU) 604/2013 skada it-terminu ta' sitt (6) xhur sabiex l-istess rikorrent jiġi trasferit u li għalhekk, l-Aġenzija intimtata hija issa obbligata, skond l-artikolu 29(2) tal-istess regolamenti, li tassumi hi r-responsabbilita tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.*

Rat id-degriet tagħha mgħoti fid-19 ta' Settembru 2023 permezz ta'liema laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament, ordnat in-notifika tar-rikors lill-Aġenzija

intimata bi żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għal nhar id-9 ta' Ottubru 2023.

Rat ir-risposta ta'Aġenzija intimata preżentata fis-27 ta' Settembru 2023 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponiet għat-talba bħala infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li  ma jirriżultawx l-elementi rikjesti mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat mitlub.

Semgħet id-dikjarazzjoni ta' Dr Sarah Ezabe in rappreżentanza ta'l-Aġenzija intimata ai fini ta'l-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fid-9 ta' Ottubru 2023 meta ir-rikors tħalla għal provediment kamerali.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti prinċipali li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- Ir-rikorrent applika għal protezzjoni internazzjonali f' Malta pero l-Agenzija intimata ikklassifikat din l-applikazzjoni bħala *Dublin Closure* stante li l-ewwel point of entry tar-rikorrent f'l-Unjoni Ewropea kien l-Awstrija u għalhekk l-applikazzjoni kellha tiġi kkunnsidratat f'dak l-istat; l-Awstrija aċċettat it-take back request fit-21 ta' Settembru 2022.
- Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal għal Protezzjoni Internazzjonali[1]; l-appell ġie miċħud u d-deċiżjoni ta'l-Aġenzija konfermata fit-28 ta' Frar 2023.
- Skond ir-Regolament (EU) 604/2013[2] minn dak in-nhar (cioe it-28 ta' Frar 2023) il-perjodu ta' sitt xhur li matulu r-rikorrent kellu jiġi trasferit lejn l-Awstrija beda jiddekkorri u kellu jiskadu fit-28 ta' Awwissu 2023.
- Pero fit-13 ta' Ġunju 2023 ir-rikorrent (flimkien ma' persuni oħra) beda proċeduri kostituzzjonali permezz ta' liema allega ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.
- Fid-19 ta' Ġunju 2023, fil-kors ta' dawk il-proċeduri kostituzzjonali, ir-rikorrent talab li tingħata interim measure billi jiġi sospiż it-trasferiment tiegħu lejn l-Awstrija; din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' degriet datat 10 ta' Lulju 2023.

[1] F'dan id-degriet imsejjah "it-Tribanal".
[2] F'dan id-degriet imsejjaħ "ir-Regolament".

- Ir-rikorrent talab permess jappella minn dan id-degriet iżda l-Qorti, permezz ta' degriet ieħor datat 16 ta' Awwissu 2023, ċaħdet din it-talba ukoll.
- Minkejja li r-rikorrent ma ngħatax il-permess speċjali xorta preżenta appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali; dan permezz ta' rikors preżentat fit-22 ta' Awwissu 2023.
- Fil-25 ta' Awwissu 2023, il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet talba tar-rikorrent dedotta dak in-nhar stess, biex sa kemm jiġi deċiż l-appell pendenti quddiem dik l-istess Qorti Kostituzzjonali, l-Aġenzija ma twettaqx it-trasferiment tar-rikorrent.
- Dak in-nhar, cioe fil-25 ta' Awwissu 2023 l-Aġenzija infurmat lill-awtorita kompetenti f'l-Awstrija b'dan id-degriet u li konsegwentment it-trasferiment tar-rikorrent kellu jiġi sospiż. L-għada l-awtorita kompetenti f'l-Awstrija ikkonfermat li irċeviet l-avviż tas-*suspensive effect*.
- Il-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet l-appell tar-rikorrent fid-19 ta' Settembru 2023 billi iddikjarat l-istess appell bħala null u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.
- Dak in-nhar stess r-rikorrent preżenta r-rikors odjern u permezz ta' degriet mgħoti ukoll dak in-nhar, u cioe fid-19 ta' Settembru 2023, din il-Qorti laqgħet provviżorjamant it-talba għat-trasferiment tar-rikorrent lejn l-Awstrija.

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit li l-għan ta' talba għall-ħruġ mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jżomm lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat.

Illi dwar x'irid jintwera mir-rikorrent biex ikun jista' jinħareġ mandat ta' inibizzjoni esprimet ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-22 ta' Settembru 2023 f'l-atti tar-rikors f'l-ismijiet ***Dr Malcolm Vella vs Ministeru għas-Saħħa et*** fejn intqal li:

> *... bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li rrikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant (App.Ċiv. 14.7.1988 fil-kawża fl-ismijiet Grech pro et noe vs Manfre' (Kollez. Vol: LXXII.ii.290). Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;*

> *Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda;*
>
> *Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali (Ara, Kumm. 22.9.1994 fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet Anġelo Xuereb vs Marin Ħili). Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jista' jġiblu ħsara li ma titneħħiex mod ieħor. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;*
>
> *Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorità pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;*

Illi għalhekk fil-każ in eżami irid jintwera li:

- Ir-rikorrent għandu xi jedd prima facie;
- Il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;
- Dak li r-ikorrent qiegħed jitlob li l-intimat jiġi inibit milli jagħmel ser jikkawża preġudizzju sproporzjonat lir-rikorrent jekk il-mandat ma jinħariġx.

Illi kif intqal dawn ir-rekwiżieti huma kumulattivi u jridu jridu jiġu pruvati kollha.

Ikkunsidrat

Illi b'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza għall-każ in eżami huwa ċar li l-ewwel element li għandu jiġi eżaminat huwa l-jedd pretiż mir-rikorrent biex jiġi stabbilit jekk dak il-jedd jirriżultax almenu prima facie.

Illi in suċċint ir-rikorrent qed jikkontendi li s-sitt xhur imsemmija f'l-artikolu 29(1) tar-Regolament u li qabel id-dekors tagħhom kellu jiġi trafserit lejn l-Awstrija skadew fit-28 ta' Awwissu 2023; għalhekk u ai termini ta'l-artikolu 29(2) tar-Regolament issa r-responsabbilta għar-rikorrent ġiet trasferita lill-Malta u konsegwentment ir-rikorrent m'għandux jiġi trasferiet lejn l-Awstrija. Ir-rikorrent jikkontendi hekk għaliex fil-fehma tiegħu l-effett sospensiv imsemmi f'l-artikolu 29 tar-Regolament japplika biss sa kemm ikun pendenti appell quddiem it-Tribunal u m'għandux japplika għal proceduri oħra li jista' jieħu applikant quddiem il-Qrati ordinarji anke jekk in konnessjoni ma'l-applikazzjoni tiegħu jew in konnessjoni mal-proċedura addottata mill-awtoritajiet kompetenti fid-determinazzjoni ta'l-applikazzjoni, jew in konnessjoni mad-deċizjonijiet meħuda minn dawk l-awtoritajiet kompetenti.

Illi l-Agenzija intimata da parti tagħħa tikkontendi li sa kemm l-applikant ikun qed jipprova, b'kwalunkwe mezz ġudizzjarju li jkun, jattakka deċizjoni meħuda mill-Aġenzija u li ordnat it-trasferiment tiegħu lejn l-Awstrija, l-Istat responsabbli jibqa l-Awstrija. Aktar minn hekk l-Aġenzija tikkontendi li kienu ordnijiet mitluba mill-istess rikorrent li waqqfu it-twettieq tat-trasferiment. L-Aġenzija żiedet ukoll li kienet tkun qed tagixxi kontra ordni tal-qorti kieku proċediet bit-trasferriment.

Ikkunsidrat

Illi applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali huma regolati mhux biss mir-Regolament fuq imsemmi imma anke mill-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ai termini ta'l-artikolu 7 tal-Kap 420

> *(1) It-Tribunal għandu jkollu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali inklużi l-appelli minn deċiżjonijiet għat-trasferiment ta' pajjiż terz*[3] *minn Malta lejn Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 604/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi li jiddeterminaw liema jkun l-Istat Membru*

[3] Fit-test Ingliż "a third country national".

> *responsabbli biex isir l-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li tkun ġiet ippreżentata f'xi wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz u minn persuna apolida. ... ... ...*
>
> *(10) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra,* ***iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea****, id-deċizjoni tat-Tribunal tkun waħda finali u konklużiva u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja, ħlief taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7A.*[4]

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet huwa ċar li deċizjoni ta'l-Aġenzija għat-trasferiment ta' applikant lejn pajjizi membru ta'l-Unjoni Ewropea, partikolarment f'każ ta' *Dublin Closure,* tista' tiġi appellat quddiem it-Tribunal mingħajr pero l-possibilita ta' appell ta' tieni istanza. Madanakollu huwa ċar ukoll li s-subartikolu (10) jissoġġetta il-finalita tad-deċiżjonijiet meħuda mit-Tribunal għar-rimedji kostituzzjonali li applikant jista' jfittex b'referenza għad-deċizjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu, il-mod kif ittieħdet dik id-deċizzjoni u/jew l-effetti ta' dik l-istess deċizjoni.

Illi għalhekk jekk applikant jagħżel li jfittex rimedju kostituzzjonali d-deċizjoni meħuda mit-Tribunal ma tistax titqies finali u konklussiva qabel ma jiġu definittivament deċizi il-proċeduri kostituzzjonali.

Illi skond l-artikolu 29(1) tar-Regolament

> ***It-trasferiment tal-applikant*** *jew persuna oħra kif imsemmi fil-punti (c) jew (d) tal-Artikolu 18(1) mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli,* ***għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti****, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati,* ***mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli****, u* ***l-aktar tard fi żmien sitt xhur mill-****aċċettazzjoni tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew tad-* ***deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3)***[5]***.***

Illi għalhekk ir-Regolament irid li trasferiment ta' applikant lejn l-Istat Membru Responsabbli għandu jiġi attwat mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta l-Istat Membru responsabbli jaccetta t-talba għat trasferiment ta'l-applikant. Ir-Regolament jipprovdi għal eċċezzjoni f'każ ta' appell mid-deċizjoni ta'l-awtorita

[4] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.
[5] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

kompetenti b'mod li meta jsir appell il-perjodu massimu ta' sitt xhur li fih applikant jista jiġi trasferit jibda jiddekorri mid-data tad-deċizjoni finali **wara** dak l-appell jew reviżjoni. Din l-eċċezzjoni pero hija soġġettata għal kundizzjoni u cioe: irid ikun japplika l-effett sospensiv predispost f'l-artikolu 27(3) tar-Regolament.

Illi dan l-artikolu [27(3)] tar-Regolament jipprovdi li:

> *Għall-iskopijiet ta' appelli kontra, jew reviżjonijiet ta', deċiżjonijiet ta' trasferiment, l-Istati Membri għandhom jipprevedu fil-liġi nazzjonali tagħhom li:*
>
> *(a) l-appell jew ir-reviżjoni tagħti lill-applikant id-dritt li jibqa' fl-Istat Membru kkonċernat sakemm jintlaħaq l-eżitu ta'l-appell jew ir-reviżjoni; jew*
>
> *(b) it-trasferiment huwa sospiż awtomatikament u tali sospensjoni tiskadi wara ċertu perijodu ta' żmien raġonevoli, f'liema żmien qorti jew tribunal, wara skrutinju mill-qrib u rigoruż, tkun ħadet deċiżjoni dwar jekk għandux jingħata effett sospensiv lil appell jew reviżjoni; jew*
>
> *(c) il-persuna kkonċernata jkollha l-opportunità li titlob f'perijodu ta' żmien raġonevoli lil qorti jew tribunal biex jissospendi l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew reviżjoni tiegħu/tagħha L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm rimedju effettiv billi jissospendu t-trasferiment sakemm tittieħed deċiżjoni rigward l-ewwel talba għal sospensjoni. Kwalunkwe deċiżjoni dwar jekk l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment għandhiex tiġi sospiża għandha tittieħed f'perijodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li tippermetti skrutinju mill-qrib u rigoruż tat-talba għal sospensjoni. Deċiżjoni li l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ma tiġix sospiża għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata*

Illi l-legislazzjoni domestika, permezz ta'l-artikolu 16 ta' l-Avviz Legali 416 tas-sena 2015 (SL420.07), provdiet għaċ-ċirkostanza imsemmija fis-subapargrafu (a) ta'l-artikolu 27 tar-Regolament[6]. L-Avviz Legali 416 tas-sena 2015 fil-fatt jipprovdi li

[6] Jiġi rilevat li l-artikolu 27(3) jipprovdi għal ċirkostanzi alternattivi u mhux kumulattivi.

> *(1)* ***L-applikanti għandhom jitħallew fuq it-territorju Malti, għall-iskop uniku tal-proċedura, sakemm l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali jieħu deċiżjoni****. Id-dritt li jibqa' ma jintitolax l-applikant għal permess ta' residenza.*
>
> *(2)* ***Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra kuntrarja****, u minbarra fejn applikazzjoni sussegwenti mhux sejra tiġi aktar eżaminata konformement mal-artikolu 7A tal-Att, jew meta applikant sejjer jintbagħat lura jew jiġi estradit kif xieraq lejn Stat Membru ieħor konformement mal-obbligi skont Mandat Ewropew ta' Arrest jew xort'oħra, jew lejn pajjiż terz jew lejn qrati jew tribunali kriminali internazzjonali,* ***applikant ma għandux jitneħħa minn Malta qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tiġi finalment deċiża u dak l-applikant għandu jitħalla jidħol jew jibqa' f'Malta sakemm tingħata deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tiegħu.***[7]

Illi minn dawn il-varji dispożizzjonijiet jirriżulta li, la darba skond l-Avviz Legali 416 tas-sena 2015 (u l-artikolu 27(3)(a) tar-Regolament) f'kaz ta' appell minn deċizjoni ta'l-Aġenzija għandu jkun hemm effett sospensiv, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tar-Regolament it-trasferiment ta'l-applikant għandu jiġi eżegwiet, skont id-dritt domestiku ta' Malta (l-Istat Rikjedenti) sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-deċiżjoni finali wara l-appell. Kif intqal aktar 'l fuq skond l-artikolu 7 tal-Kap 420 d-deċizjoni meħuda mit-Tribunal ma tistax titqies finali u konklussiva qabel ma jiġu definittivament deċizi il-proċeduri kostituzzjonali.

Illi f'dan is-sens esprimiet ruħha il-Qorti tal-Ġustizzja ta'l-Unjoni Ewropea fis-sentenza mgħotija fit-30 ta' Marzu 2023 fil-każ Staatssecretaris van Justitie en Veilighied (Kawza Numru c-556/21):

> *19 F'dan ir-rigward, filwaqt li mill-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Dublin III jsegwi li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ried jiffavorixxi eżekuzzjoni rapida tad-deċiżjonijiet ta' trasferiment, xorta jibqa' l-fatt li huwa ma riedx jissagrifika l-protezzjoni ġudizzjarja tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali għar-rekwiżit ta' ħeffa fl-ipproċessar tal-applikazzjoni tagħhom, u li huwa ppreveda, sabiex jiżgura din il-protezzjoni, li l-eżekuzzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet tista', f'ċerti każijiet, tiġi sospiża ... ...*
>
> *20 L-Artikolu 27(3) ta' dan ir-regolament jeżiġi għalhekk li l-Istati Membri joffru lill-persuni kkonċernati rimedju li jista' jwassal għas-*

[7] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

> *sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tagħhom ... ...*
>
> *21 Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprevedu jew, l-ewwel, li r-rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment jagħti lill-persuna kkonċernata d-dritt li tibqa' fl-Istat Membru li jkun adotta dik id-deċiżjoni sakemm tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors tagħha jew, it-tieni, li, wara l-preżentata ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, it-trasferiment jiġi sospiż awtomatikament għal terminu raġonevoli li matulu qorti tiddetermina jekk hemmx lok li jingħata effett sospensiv għal dak ir-rikors jew, it-tielet, li l-persuna kkonċernata jkollha l-possibbiltà li tippreżenta rikors intiż sabiex tinkiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment sakemm tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors kontra dik id-deċiżjoni ... ... ...*
>
> *23 Fil-każ fejn is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment tirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 27(3) jew (4) tar-Regolament Dublin III, mill-Artikolu 29(1) tiegħu jirriżulta li t-terminu ta' trasferiment ma jibdiex jiddekorri mill-aċċettazzjoni tat-talba għal teħid tal-inkarigu jew teħid lura, iżda, b'deroga, mid-deċiżjoni finali dwar ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment ... ...*
>
> *24 Għalhekk, mill-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III, u b'mod partikolari mill-użu tal-espressjoni "deċiżjoni finali", isegwi li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried li t-terminu ta' trasferiment jibda jiddekorri biss minn meta d-deċiżjoni dwar rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment ikun sar definittiv,* ***wara li jkunu ntużaw ir-rimedji ġudizzjarji kollha previsti mill-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru kkonċernat***[8]*, bil-kundizzjoni li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment tkun ġiet sospiża, skont l-Artikolu 27(3) jew (4) ta' dan ir-regolament.*

Illi in vista tas-suespost u b'applikazzjoni tiegħu għall-każ in eżami, la darba r-rikorrenti fittex rimedju kostituzzjonali wara d-deċizjoni tat-Tribunal u allura fit-termini ta'l-artikolu 7 tal-Kap 420 id-deċizjoni tat-Tribunal ma tistax tiqies finali isegwi li l-perjodu massimu ta' sitt xhur li matulu għandu jiġi eżegwiet it-trafseriment għandu ma ddekorriex. Konsegentement isegwi ukoll li r-responsabbilta għall-applikant ma ġietx trasferieti lill-Istat Malti imma għadha vestieta f'Istat Awstrijak.

Illi kif intqal ir-rikorrent jippretendi li għandu l-jedd li jibqa Malta għaliex (skond it-teżi tiegħu) issa l-Istat Responsabbli huwa Malta u mhux aktar l-Awstrija. Pero

[8] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

għar-raġunijiet fuq esposti ma jidhirx, almenu prima facie, li llum r-rikorrent għandu dan il-jedd.

Illi kif intqal aktar ‘l fuq ukoll l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-mandat mitlub mir-rikorrent huma kumulattivi u mhux alternattivi, il-Qorti għalhekk m’għandhiex għalfejn tistħarreġ ukoll l-elementi l-oħra. F’dan ir-rigward l-Qorti ser tgħid biss li c-caħda tal-mandat jista’ jkollha l-effett li r-rikorrent jiġi trasferit lejn l-Awstrija. L-Awstrija huwa pajjiz membru ieħor ta’l-Unjoni Ewropea fejn ir-rikorrent jgawdi l-istess drittijiet li jgawdi minnhom hawn Malta u fejn jista’ jirrikorri għar-rimedji legali kollha disponibbli għalih f’Malta. Aktar minn hekk jekk, jekk ir-rikorrent fil-fatt jiġi trasferit lejn l-Awstrija u hemm jikkontesta t-trasferiment tiegħu b’eżitu pożittiv għalih ir-Regolmant jipprovdi li l-Istat Membru li wettaq it-trasferiment (Makta) għandu jaċċetta dik il-persuna lura minnufih.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat mitlub. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tad-19 ta’ Settembru, 2023 safejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b’mod proviżorju. Tordna li l-ispejjeż marbuta ma’ dawn il-proċeduri jitħallsu mir-rikorrenti.

Tordna li dan id-digriet jiġi notifikat elettronikament lil Dr Paul Borg Olivier u Dr Miguel Degabriele.

**DR DOREEN CLARKE**
**IMHALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**